MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 60/2005

**Gourmet Company Limited**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat fit-2 ta` Dicembru, 2005, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali ordnat il-hrug ta` mandat ta` zgumbrament nru 153/2005 kontra s-socjeta` rikorrenti.

Fl-24 ta` Novembru, 2005, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali cahdet it-talba

tas-socjeta` rikorrenti ghas-sospensjoni ta` l-esekuzzjoni ta` l-imsemmi mandat ta` zgumbrament.

Fid-29 ta` Novembru, 2005 l-istess Onorabbli Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti li fi zmien 12 il-siegha minn dak il-hin (12.00pm) tiddikjara permezz ta` nota guramentata x`inhuma l-oggetti li ghandu fil-fond in kwistjoni.

Dakinhar stess, saghtejn wara, is-socjeta` rikorrenti pprezentat nota li bi zvista ma gietx igguramentata dak il-hin [din in-nota giet igguramentata l-ghada, 1 ta` Dicembru, 2005].

Fit-30 ta` Novembru, 2005 is-socjeta` rikorrenti pprezentat rikors quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali li mieghu giet annessa kopja ta` rikors kostituzzjonali pprezentat fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-30 ta` Novembru stess u talbet lill-Qorti gewwa Ghawdex biex *"tordna s-sospensjoni ta` l-esekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta` zgumbrament sal-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali"*.

L-imsemmi rikors gie komunikat lill-Magistrat telefonikament.

Fit-30 ta` Novembru, 2005 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali tat is-segwenti digriet:

*Il-Qorti,*
*Rat id-digriet taghha tad-29 ta` Novembru, 2005;*
*Billi t-termini specifici tad-digriet ma gewx osservati mis-socjeta` Gourmet Company Limited u billi in konnessjoni man-nota fejn din il-Qorti giet infurmata illi gie intavolat rikors kostituzzjonali, tiddegreta fir-rigward illi stante l-irritwalita` li talba bhal din issir b`nota;*
*Billi wkoll ma jidhrilhiex illi r-rikors hemm menzjonat ma jwaqqafx l-esekuzzjoni ta` mandat ta` zgumbrament;*
*Tichad it-talba tas-socjeta` Gourmet Company Limited kemm fil-konfront tar-rikors taghha tad-29 ta` Novembru, 2005 u kemm rigward it-talba maghmula bin-nota tal-lum.*

Bir-rispett kollu, id-digriet tal-Qorti huwa manifestament zbaljat;

1) It-talba ghas-sospensjoni ta` l-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament saret b'rikors, u mhux b'nota. Ghalhekk, ma tezisti l-ebda irritwalita`.

2) Bir-rispett kollu, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali mhix korretta fejn irritjeniet illi Rikors Kostituzzjonali ma jwaqqafx l-esekuzzjoni ta` mandat ta` zgumbrament. Dan gie rrilevat lilha f'rikors li gie pprezentat fl-1 ta' Dicembru, 2005, li ser jissemma aktar `l isfel.

3) Is-socjeta` rikorrenti ottemperat ruhha mad-digriet tad-29 ta' Novembru, 2005 kemm billi ipprezentat nota fir-Registru kif giet ordnata taghmel, fejn elenkat l-oggetti li hija ghandha fil-fond in kwistjoni, kif ukoll billi pprezentat l-istess nota fi zmien saghtejn [minflok fi zmien 12 il-siegha].

4) Meta l-istess Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali kellha quddiemha talba f'cirkostanzi identici, hija laqghat it-talba u ssospendiet l-esekuzzjoni tal-mandat.

B'dan il-mod, is-socjeta` rikorrenti qieghda tigi negata d-dritt ghal smiegh xieraq u d-dritt ghal rimedju effettiv peress illi d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) huwa manifestament zbaljat u ingust.

Allarmata bid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) li tichad ir-rikors taghha tat-30 ta' Novembru, 2005, is-socjeta` rikorrenti pprezentat rikors iehor fl-1 ta' Dicembru, 2005, liema rikors jaqra hekk:

*Illi, in segwitu ghall-prezentata tar-Rikor Kostituzzjonali fit-30 ta` Novembru, 2005, is-socjeta` rikorrenti talbet is-sospensjoni ta` l-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament permezz ta` rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti u mhux permezz ta` nota, u bilfors kien hemm xi malintiz dwar*

*dan. In-nota guramentata saret skond id-digriet tad-29 ta` Novembru, 2005.*

*Illi rigward il-portata ta` Rikors Kostituzzjonali via-a`-vis mandat ta` zgumbrament, ma jistax ikun hemm dubju li l-mandat ta` zgumbrament ma jistax jigi esegwit ladarba jkun gie intavolat Rikors Kostituzzjonali, u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

*1) L-ebda Qorti, hlief il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) u l-Qorti Kostituzzjonali ma nghatat is-setgha mill-Kostituzzjoni li tippronunzja ruhha dwar il-meritu ta' Rikors Kostituzzjonali. L-ebda Qorti ma tista` twarrab Rikors Kostituzzjonali qabel ma` l-lanjanza kostituzzjonali ma tkun giet investita mill-Qrati li nghataw is-setgha li jaghmlu dan.*

*2) Din l-Onorabbli Qorti tkun qed terfa` piz u responsabbilita` li ma gewx vestiti fiha kemm-il darba tordna li l-mandat ta` zgumbrament jigi ezegwit monostante r-Rikors Kostituzzjonali li hemm pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali).*

*3) Jekk il-mandat ta` zgumbrament ikun gie esegwit – irriversibbilment – u eventwalment jirrizulta lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) jew lill-Qorti Kostituzzjonali warajha illi tabilhaqq kien hemm ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea, din l-Onorabbli Qorti tkun tghabbiet bir-responsabbilita` li ma waqqfitx l-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament sa l-ezitu tar-Rikors Kostituzzjonali. Imbaghad ikun tard wisq biex il-hsara tissewwa u s-sitwazzjoni tkun tista` titregga` lura 'status quo ante'.*

*Ghaldaqstant, rinfaccjata b'Rikors Kostituzzjonali, hija l-umili fehma tas-socjeta` rikorrenti li din l-Onorabbli Qorti ghandha – in omagg ghar-Regoli stabbiliti bl-Avviz Legali 35 tal-1993 – tistenna l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka contrario imperio d-*

*digriet taghha tad-29 u 30 ta` Novembru, 2005 u tissospendi l-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament nru 153/2005 minnufih.*

Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ordnat in-notifika lill-kontroparti li nghatat zmien ghar-risposta sal-10 ta` fil-ghodu tat-2 ta` Dicembru, 2005.

L-precitat digriet tat-30 ta' Novembru, 2005 u r-rifjut tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali li tistenna l-ezitu tar-Rikors Kostituzzjonali pprezentat mis-socjeta` rikorrenti quddiem l-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-30 ta` Novembru, 2005 ghaliex *"ma jidhrilhiex illi r-rikors hemm menzjonat ma jwaqqafx l-esekuzzjoni ta` mandat ta` zgumbrament"* jilledu d-dritt tas-socjeta` rikorrenti ghal smiegh xieraq. Dan apparti l-fatt li ghad hemm pendenti (i) talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza a tenur ta` l-artikolu 811 tal-Kap. 12, (ii) talba ghal rikonsiderazzjoni a tenur ta` l-artikolu 299(4) tal-Kap. 12 u (iii) kawza civili Citazzjoni nru 101/05 fil-Qorti gewwa Ghawdex ghal dikjarazzjoni li l-imsemmi mandat ta` zgumbrament huwa null – tliet lanjanzi dawn li jiffurmaw il-meritu ta` l-imsemmi Rikors Kostituzzjonali li gie intavolat fit-30 ta` Novembru, 2005.

Il-precitat digriet tat-30 ta` Novembru, 2005 u r-rifjut hawn fuq imsemmi li tistenna l-ezitu tar-Rikors Kostituzzjonali jilledu wkoll l-artikolu 13 tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxi d-dritt ghal rimedju effettiv.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali taghha jigu protetti, senjatament billi tordna minnufih it-twaqqif ta` l-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament kontra s-socjeta` rikorrenti u tiddikjara illi s-socjeta` rikorrenti giet u ghadha qieghda tigi mcahhda minn smiegh xieraq, u dan bi vjolazzjoni ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u ta` l-Artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta, u qieghda tigi wkoll imcahhda mid-

dritt ghal rimedju effettiv garantit mill-Artikolu 13 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u konsegwentement thassar id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali tat-30 ta` Novembru, 2005, u tordna l-hlas ta` kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghha.

Rat ir-risposta ipprezentata mill-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

Ir-rikorrenti ghandu jaghti l-indirizz tieghu skond kif titlob il-ligi tal-procedura.

Din il-kawza tittratta dwar allegazzjonijiet dwar diversi proceduri ohra fil-Qrati t'Ghawdex u ta` Malta.

L-esponent mhux edott mill-fatti dwar il-proceduri. Lanqas mhu f'pozizzjoni li jipprezenta risposta dettaljata rigward dawn l-allegazzjonijiet peress li l-ewwel iridu jkunu ezaminati l-atti li hemm referenza ghalihom fir-rikors promutur, biex hekk wiehed ikollu stampa shiha tal-kwistjoni.

Jista` jkun hemm diversi proceduri ohra konnessi ma` din il-kwistjoni li ma ssemmewx fir-rikors promutur, bhal per ezempju t-titolu jew l-atti li a bazi taghhom inhareg il-mandat ta` zgumbrament.

Ghalhekk l-esponent jitlob iktar zmien biex ikun jista` jistudja l-kaz fid-dettall u jipprezenta risposta xierqa dwaru.

Rat ir-risposta ulterjuri tipprezentata mill-intimat li in forza taghha eccepixxa wkoll illi:

1. In segwitu ghar-risposta preliminari tal-esponent prezentata fit-12 ta` Dicembru, 2005 fl-atti tal-kawza odjerna l-esponent issa huwa f`pozizzjoni li jressaq is-segwenti risposta ulterjuri:

2. In linea preliminari r-rikors odjern mhu xejn hlief frivolu u vessatorju u qed isir b`abbuz tal-process gudizzjarju

stante li evidentament l-iskop warajh huwa tentattiv iehor minn katina ta’ kawzi ntizi sabiex il-fond Gourmet Bar & Restaurant fix-Xlendi jibqa` akkost ta’ kollox taht idejn is-socjeta` rikorrenti.

3. L-esponent mhux edott mill-fatti li wasslu ghall-lista twila ta` kawzi u rikorsi elenkati fir-rikors promotur oltre l-fatt li jista` jkun hemm proceduri ohra konnessi mal-mertu in kwistjoni li thallew barra fir-rikors promotur u ghalhekk ir-rikorrent ghandu jaghti stampa dettaljata u intiera tal-kwistjoni kollha.

4. Fil-meritu u bla pregudizzju ghas-suespost ma sar ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas kien hemm cahda tad-dritt ghal rimedju effettiv kif garantit mill-Artikolu 13 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta.

5. F`dan l-istadju l-Mandat ta` Zgumbrament 153/2005 gie ezegwit kontra s-socjeta` rikorrenti u ghalhekk it-talba ghat-twaqqif tal-ezekuzzjoni ta` tali Mandat hija llum ezawrita.

6. Inoltre jigi rilevat illi numru ta’ decizjonijiet b`ezitu negattiv ghar-rikorrenti ma jammontawx ghal ksur ta` dritt ta` smiegh xieraq.

Isegwi ghalhekk li t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat li din il-kawza imxiet kontestwalment mal-kawza fl-istess ismijiet, rikors numru 58/2005, deciza wkoll illum min din l-istess Qorti;

Rat l-atti tal-kawza citazzjoni numru 101/2005 ipprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri kif ukoll id-diversi atti l-ohra li ghalihom saret referenza;

Rat l-atti kollha ta` din il-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Kif inghad, din il-kawza imxiet kontestwalment mal-kawza l-ohra fl-istess ismijiet (rikors numru 58/05). Din il-kawza fil-fatt, tista’ titqies bhala kontinwazzjoni tal-kawza l-ohra, u fiha, is-socjeta` rikorrenti, qed terga` tilmenta li kien hemm ksur ta` smiegh xieraq meta l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri irrifjutat li tissospendi l-ezekuzzjoni tal-mandat kostituzzjonali minnha imressaq kontra d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-22 ta` Novembru, 2005, u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tal-24 ta` Novembru, 2005, li l-effett taghhom kien ukoll biex ma tigix sospiza l-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat.

Din il-Qorti, fil-kawza rikors 58/05, trattat kontestwalment l-ilmenti tas-socjeta’ rikorrenti u ddecidiet li ma kienx hemm ksur tar-regoli ta` ‘audi alteram partem’ u ta` smiegh xieraq, anke fil-kuntest tad-digriet tat-30 ta` Novembru, 2005, meritu ta` dawn il-proceduri. A skans ta` ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak kollu li intqal minnha fil-kawza 58/05 li ghandu japplika ukoll ghal fini ta` din il-kawza. Din il-Qorti tadotta u taghmel taghha l-argumenti taghha stess kif esposti fil-kawza rikors numru 58/05, u kif intqal f`dik il-kawza tqies li anke fil-hrug tad-digriet impunjat, ma saretx vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6(1) tal-Kap. 319.

Din il-Qorti, ukoll, ma tarax li s-socjeta` rikorrenti giet mcahhda mid-dritt ghal rimedju effettiv garantit mill-artikolu 13 tal-Kap. 319. Is-socjeta` rikorrenti, fil-fatt, utilizzat ir-rimedji ordinarji li taghtiha l-ligi, u dawn ir-rimedji, f`kaz ta` ezitu favorevoli ghaliha, jistghu iwasslu ghall-vindikazzjoni tal-pretensjonijiet taghha, u mhux eskluz li s-socjeta` rikorrenti tinghata lura l-pussess tal-fond in kwistjoni u jitqies li l-kirja u/jew l-okkupazzjoni taghha qatt ma giet terminata. Ebda digriet jew decizjoni li hadet il-Qorti fir-rigward tal-mandat ta` zgumbrament

numru 153/05 ma huwa ta` ostakolu ghall-vindikazzjoni tad-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti *si et quatenus*. F`dan l-istadju, il-posizzjoni li hadet il-Qorti hi li l-mandat ta` zgumbrament fuq imsemmi ghandu jinghata effett, u din id-direttiva bl-ebda mod ma cahhad lis-socjeta` rikorrenti minn rimedju effettiv f`kaz ta` ezitu favorevoli ghaliha tal-proceduri ghar-ridress minnha istitwita.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez kollha kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------